**KULLEĠĠ SANT' INJAZJU**
**SKOLA SEKONDARJA TAS-SUBIEN TAL-ĦANDAQ**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014**

**ROTTA 1**

**Ir-Raba' Sena *(Rotta 1)*** **Il-Malti** **Ħin : Sagħtejn**

**Isem: ______________________________ Klassi: __________**

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

Skema ta'Marki.

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D1 | D2 | E1 | E2 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 12 | 36 | 10 | 10 | 10 | 6 | 16 | 100 |
| Marki tal-istudent | | | | | | | | |

Kummenti.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

| A. Silta għall-qari | (12-il marka) |
| --- | --- |

# Il-Ġonna tal-Floriana

Għalina t-tfal tal-Floriana, il-Mall kien qisu tagħna bi dritt naturali. Il-kavallieri sekli qabel kienu bnewh eżatt għalina. Kien, wara kollox il-post fejn huma kienu jilagħbu l-logħba tagħhom, il-'maglio'. Kien iħaddar is-sena kollha, l-iżjed minħabba s-siġar kbar. Il-boganvilla u l-istefanotis, il-liedna u ħafna ħaxix ieħor li ma nafx x'jismu; kollox kien festa ta' ħdura. Filgħaxija kien jimtela namrati, iżda tul il-jum kien ikun mimli familji Maltin, jew qraba tal-Ingliżi tas-Servizzi.

Mill-Argotti ma stajniex nittawlu sew għal fuq il-Ġnien tal-Ġeneral. Il-ġnien kien jaqa' taħt idejn l-Universita` u l-pubbliku ma kienx jitħalla jidħol fih. Il-Ġnien ta' Sammiżun ma kienx għalina; kien barra minn triqtna, ftit 'il bogħod. Mela minn kemm ġonna jdawru lill-inħawi fejn twelidna u trabbejna, il-Mall u l-Argotti biss kienu miftuħin għalina u dan kien biżżejjed.

Anki fl-Argotti kien hemm il-fjuri li ma jinxfux, iżda hemmhekk kollox kien fl-idejn għaqlin tal-ġardinar ta' dak iż-żmien. Kienu fjuri sofistikati ifuħu u jinxfu. Għallinqas hekk konna naħsbu, ladarba l-Argotti kien u baqa' ġnien li jingħalaq. Ma jdumx ma jgħaddi ż-żmien u tibda titgħallem li d-dinja hi mimlija varjeta`, anki jekk mhux kollha togħġbok.

## 1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha : (4)

i. Fil-Mall il-Kavallieri kienu jilagħbu ( l-boganvilla, l-istefanotis, il-maglio)

ii. In-nies tas-servizzi kienu jmorru l-Mall (filgħodu, filgħaxija, bil-lejl)

iii. Il-Ġnien tal-Ġeneral kien f' idejn (il-kavallieri, l-universita`, in-nies tas-servizzi)

iv. Fil-Floriana kien hemm (żewġ, ħafna, tliet) ġonna.

**2. Sib mis-silta l-kliem li jonqos : (4)**

i. Il-kittieb kien joqgħod il-__________________ .

ii. Filgħaxija il-Mall kien jimtela bin-________________ .

iii. Il-Ġnien ta' _________________ kien 'l bogħod mid-dar tal-awtur.

iv. Fil-ġnien tal-Argotti kien hemm ħafna fjuri_________________ .

**3. Wieġeb f'sentenza sħiħa : (4)**

i. Semmi tliet tipi ta' siġar li wieħed kien isib fil-Mall .

___________________________________________________________

ii. Lejn liema ġnien kien jittawwal mill-Argotti ?

___________________________________________________________

iii. F'liema ġonna kien imur jilgħab l-awtur ?

___________________________________________________________

iv. Min kien jieħu ħsieb il-ġnien tal-Argotti ?

___________________________________________________________

| **B. Lingwa** | **(36 marka)** |
|---|---|

**1. Erġa ikteb din is-silta bil-punteġġjatura meħtieġa. (6)**

darba smajt lil missieri jgħid dawn fjuri koroh ma fihom grazzja ta' xejn jien ma qbiltx miegħu u għedtlu li lili kienu jogħġbuni

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

**2. Oħroġ verb mill-għeruq li ġejjin : (4)**

| | |
|---|---|
| ħ-s-b | Ħaseb |
| s-l-f | |
| m-w-t | |
| r-f-għ | |
| s-f-r | |
| ġ-r-j | |
| l-għ-b | |
| ħ-r-b-t | |
| b-n-d-l | |



**3. Oħroġ nom minn dawn il-verbi : (4)**



| | |
|---|---|
| seraq | Serqa |
| gideb | |
| qaleb | |
| ħolom | |
| siker | |
| ħalaq | |
| mexa | |
| għam | |
| qarben | |

**4. Ikteb mistoqsija għal kull tweġiba. (8)**

i. ______________________________________________

Mhux se mmur il-Belt għax ma niflaħx.

ii. ______________________________________________

Għax idejjaqt nisma' l-istess diski.

iii. ______________________________________________

Il-ġimgħa d-dieħla sejjer jumejn Għawdex.

iv. ______________________________________________

Għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija.

**5. Imla l-vojt bi kliem flok numri. (8)**

i. Fil-ġnien kien hemm ___________(7) siġriet tal-ħarrub, imma _________ (4) minnhom kienu vera żgħar.
ii. L-Għargħar ġiet iddikjarata bħala s-siġra nazzjonali fl-_____________ (1992).
iii. Kien hemm ______________ (3) subien u ______________ (4) ibniet.
iv. Għawdex għandu popolazzjoni ta' _____________ (30,000) ruħ.
v. Nhar ta' Ħadd nqum xid-_________________ (8.50) ta' filgħodu.
vi. Fil-klassi konna _______________ (19) student.

**6. Imla l-vojt bil-kliem tal-kaxxa : (6)**

i. Se jkun _____________ ħafna li Savior jgħaddi mill-eżami minħabba li falla ħafna skola.
ii. L-avukat xtaq ikellimni ___________ , għax ma riedx li kulħadd ikun jaf x'kien inqala'.
iii. Dak it-tifel weġġa' _____________ meta waqa' t-taraġ.
iv. Dawn is-somom huma ______________ ġodda għalina.
v. Illum mhux _____________________ ssib fejn toqgħod.
vi. Paul qed jieħu ħsieb lil missieru _______________________ .

| totalment, faċli, kontinwament, privatament, diffiċli, serjament. |
|---|

| **Ċ Malti Prattiku** | **(10 marki)** |
|---|---|

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-kaxxa ħalli tkompli din in-nota bijografika.**

Mikiel Anton Vassalli twieled f' _____________ aktar minn mitejn sena ilu. Fl-iskola kien bravu, tant li siefer l-_____________ biex ikompli jistudja t-Taljan, l-Għarbi u l-Latin. Meta ġie lura Malta rnexxielu joħroġ t-tliet ___________ li xtaq. Lil Vassalli ma kinux jogħġbuh il-

________________ u meta ġieh il-waqt ma ddejjaq xejn jiġġieled kontrihom. Meta qabduh tefgħuh fil-_____________ tar-Rikażli, imma wara ftit ħarbilhom. Meta Malta għaddiet taħt il-Franċiżi ġie lura Malta u ______________ qal li Vassalli kien l-aktar Malti għaref. Meta ġew l-Ingliżi tefgħuh il-ħabs u wara eżiljawh għax ħasbuh ________ . Meta ġie lura Malta bis-saħħa ta' ħabib Ingliż laħaq ________________ tal-Malti fl-________________. Vassalli rnexxielu jikteb ħafna kotba u jippubblikahom bis-saħħa ta' xi ____________Ingliżi. Miet fl-1929 u ndifen fiċ-Ċimiterju tal-Ingliżi f' Sammiżun.

| |
|---|
| Universita`, Kavallieri, professur, Italja, Napuljun, Ħaż-Zebbuġ, spjun, kotba, ħabs, ħbieb. |

## D.Letteratura (20 marka)

**Poeżija 10 marki**

Katrin tal-Imdina ta' Dwardu Cachia

"Isimgħu dil-ġrajja,
U żommu b' tifkira
Il-għors ta'żewġ għonja
Mill-aktar tal-gżira.
Nofs Malta bi ħġarha,
Biex tara 'l Katrina
Ittejjeġ mal-ħakem,
Tmur bikri l-Imdina.



Bir-rassa minn kmieni
Miżgħud kollox kien,
Fejn rasek iddaħħal
Ma fadal imkien;
Id-dar hi maħnuqa,
Bħal bajda mimlija
Imżejna bil-ħxejjex
Għall-għors imħejjija.

**1.Wieġeb :**

i. X' kienet l-okkażjoni li tissemma fil-bidu ta' din il-poeżija?
____________________________________________________________ (1)

ii. Skont il-poeżija lil min iżżewġet Katrina?
____________________________________________________________ (1)

iii. Biex kienet imżejna d-dar ta' Katrina ?
____________________________________________________________ (2)

iv. Xi tfisser "id-dar hi maħnuqa, bħal bajda mimlija?
____________________________________________________________ (2)

v. Għalfejn il-festa tat-tieġ sfrattat fin-nofs?
____________________________________________________________ (2)

vi. Xi ġralu l-ħakem fl-aħħar tal-poeżija?
____________________________________________________________ (2)

**B. Proza 10 marki**

"Il-Koranta" ta' Oliver Friggieri

i. Il-Koranta kienet tmur kuljum _____________ u tpoġġi fl-istess post.
ii. Kellha devozzjoni lejn San ______________ u kuljum kienet titolbu isibilha raġel li jħobbha .
iii. Meta tgħaddi mit-triq it-tfal kienu jimxu warajha u jgħajtu _____________ .
iv. In-nies daħħlu f' rashom li l-Koranta ma kienet se ____________ qatt.
v. Darba tfaċċa Indri il-______________ li ndunat li kien ir-raġel mibgħut minn San Ġużepp.

vi. Kienet tnewwillu xi kikkra __________u tieħu pjaċir meta jirringrazzjaha.

vii. Dakinhar tat-tieġ in-nies ħarġu fit-triq u bdew _____________ .

viii. ____________ qalilha biex ma toħroġx mill-karozza.

ix. Iż-żwieġ sar fuq artal qadim fis-_____________ .

x. Indri qalilha li kien __________ ħafna.

| **E.Kitba ta'sentenzi/paragrafi** | **(22 marka)** |
|---|---|

1. Qiegħed in-numri 2 sa 6 ħdejn il-paragrafi ħalli tkompli t-tagħrif dwar l-Istorja tal-Avjazzjoni. (6)

| | |
|---|---|
| Il-ħolma tiegħu kienet li jkun jista' jtir fil-għoli bħalma naqraw fil-mitoloġija. | |
| Fi Franza fis-seklu 18 ivvintaw il-ballun tal-ajru. | |
| Il-bniedem minn dejjem xtaq li jaħkem is-sema kif kien ħakem il-baħar. | 1 |
| L-aħwa Wright bnew l-ewwel gliders tagħhom fl-1900. | |
| Fis-sitt seklu jidher li ċ-Ċiniżi kienu diġa rabtu bniedem ma' tajra kbira. | |
| Kien il-Franċiż Giffard li fl-1852 tajjar l-ewwel ballun li stajt tiddereġih. | |

U

2. Fuq karta separata ikteb madwar 200 kelma dwar wieħed minn dawn. Il-kliem fil-parentesi jista' jgħinek : (16)

   i. L-isports. (saħħa tal-ġisem u tal-moħħ; iżommna 'l bogħod mill-mard u mill-vizzji)
   ii. L-Internet; mezz ta' tagħlim jew ħela ta' ħin? (għalfejn jintuża fl-iskejjel, fl-industrija, fil-lukandi u fl-uffiċċji? )

## SKEMA Ta’ MARKI Malti Form 4 Rotta 1

| Mistoqsija | Marka | Tweġiba | Kummenti Oħra |
|---|---|---|---|
| 1i | 1 | Il-maglio | |
| ii | 1 | filgħodu | |
| iii | 1 | universita` | |
| iv | 1 | ħafna | |
| 2i | 1 | Floriana | |
| ii | 1 | namrati | |
| iii | 1 | Sanmiżun | |
| iv | 1 | sofistikati | |
| 3i | 1 | l-istefanotis, il-boganvilla u l-liedna | |
| ii | 1 | Għal fuq il-Ġnien tal-Ġeneral | |
| iii | 1 | Fil-Mall u l-Argotti | |
| iv | 1 | Il-ġardinar | |
| B1 | 6 | Darba smajt lil missieri jgħid : “Dawn fjuri koroh ma fihom grazzja ta’ xejn”. Jien ma qbiltx miegħu u għedtlu li lili kienu jogħġbuni. | |
| | 1/2<br>1/2<br>1/2<br>1/2<br>1/2<br>1/2<br>1/2<br>1/2 | silef<br>miet<br>refa’<br>siefer<br>ġera<br>lagħab<br>ħarbat<br>bandal | |
| B2 | 1/2<br>1/2<br>1/2 | gidba<br>qalba<br>ħolma | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | 1/2<br>1/2<br>1/2<br>1/2<br>1/2 | sakra<br>ħolqien<br>mixja<br>għawma<br>tqarbin | |
| B3i | 1 | Għalfejn mhux sejjer il-Belt ? | Aċċetta tweġibiet simili |
| ii | 1 | Għalfejn tfejt ir-radju ? | Aċċetta tweġibiet simili |
| iii | 1 | Fejn sejjer il-Ġimgħa d-dieħla ? | Aċċetta tweġibiet simili |
| iv | 1 | X'ħin se tiltaqgħu illejla ? | Aċċetta tweġibiet simili |
| B4i | 1 | seba', erbgħa | |
| ii | 1 | elf disa' mija tnejn u disgħin | |
| iii | 1 | tliet, erbat | |
| iv | 1 | tletin elf | |
| v | 1 | disgħa nieqes għaxra | |
| vi | 1 | dsatax-il | |
| B5i | 1 | diffiċli | |
| ii | 1 | privatament | |
| iii | 1 | serjament | |
| iv | 1 | totalment | |
| v | 1 | faċli | |
| vi | 1 | kontinwament | |
| Ċ | 10 | Ħaż-Żebbuġ, Italja, kotba, Kavallieri, ħabs, Napuljun, spjun professur, universita`, ħbieb. | |
| D1 | 1 | It-tieġ ta' Katrin. | |
| 2 | 1 | Lill-Ħakem. | |
| 3 | 2 | Imżejna bil-ħxejjex | |
| 4 | 2 | Hemm ħafna nies | Aċċetta tweġibiet simili |
| 5 | 2 | Dan minħabba li ġew għal Ħakem | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | biex jeħduh għall-ġlied. | |
| 6 | 2 | Il-ħakem inqatel. | |
| D | 1 | il-knisja | |
| ii | 1 | Ġużepp | |
| iii | 1 | koranta | |
| iv | 1 | tiżżewweġ | |
| v | 1 | landier | |
| vi | 1 | kafe` | |
| vii | 1 | jinsulentawha/ jgħajruha | |
| viii | 1 | xufier | |
| ix | 1 | sagristija | |
| x | 1 | iħobbha | |
| E1 | 6 | 5, 3, 1, 6, 2, 4. | |
| E2 | | Ara skema tal-marki | |